## L-GHANJA TA' GHAWDEX 1966-67

*Lil Kav. Dr. A. Tabone, u lill-Membri tal-Kumitat Ċiviku ta' Għawdex għas-sena 1966, b'tifkira tas-serje ta' Konferenzi fuq il-Gvern Lokali li għamilt fil-*Banca Giuratale, *1966-67.*

Għawdex ħaddar din is-sena;
kollu ħlewwa, kollu ħdura;
xemx u kħula tas-smewwiet.
Hdejn Ta' Pinu smajt l-agħsafar
qed ipejzu ferħanin;
bougain villa tfemaq vjola
w sardinella wħidha wħidha,
lewn ir-roża tas-smewwiet,
laqtu 'l għajn u heġġu l-qalb
mimlija sliem.

***

Il-lanċa t'Għawdex tgħaddi
fuq baħar kaħli taħt irxiex irqieq
bit-tranja bajda,
tfur u timla, tagħli w tbaqbaq,
tinqasam f'raxx u ttir mal-għanja tal-irjieħ.
Hlielsa r-ruħ
u ħieles il-ħsieb merfugħ
bejn sema w ilma
waqt li taħt Kemmuna
il-ħarsa timraħ minnufiħ tintlaqat
kif sektin
li-Qadim u l-Ġdid
mill-bogħod iħarsu ikraħ lejn xulxin
għalkemm imxaħxħa sew fin-ngħas ta' wara nofs in-nhar...

***

F'lok l-*Imperial Eagle*
illum ġie l-*Queen of Peace;*
Kullfejn jidher sew nadif xammiema,

għat-tbaħħir iljun,
stħajjiltni nfissed f'nieqa bħal tarbija.

***

U għadda l-ajruplan minn fuq nofs Għawdex,
u fuq ir-Rabat sew 'l isfel ħarist
u rajt il-Kastell
tiela' 'l fuq, jiddritta,
tarka tal-poplu, biża' tal-Misilma,
sabiħ bħal ħolma
meta l-bxara tagħha
ma tkunx mill-qalb imħabbra!

***

Ma nafx għaliex, kull meta niġi hawn
qalbi tissaħħar.
Għad li naf x'sa nsib
donnu kollox jilbes
Il-Libsa tal-misteru!
Filgħodu, filgħaxija,
l-Imġarr jidħakli mnieghes ħelu ħelu
qiesu Rip Van Winkle
qed jistenbaħ wara raqda twila
il-mijiet tas-snin;
u s-sliem, is-sliem, is-sliem jixpakka w jaqsam
minn kullimkien!
Itik li tgħid,
kieku ma tafx li fid-djar tgħammar in-nies,
li niket ma tafx bih din l-art imbierka!

***

Jum ta' Jannar sabiħ
bix-xemx miftuħa
'il fuq mis-sħajbiet żgħar imraqqa',
qabditni x-xenqa
tal-ilmiet tad-Dwejra
u t-trejqa żigużajk
li tieħdok ħdejhom.
Mill-blat tfernaq il-ħdura,
Kullimkien indafa,
mill-għolja tal-Ġurdan,
għall-koppla tleqq bil-fidda f'San Lawrenz,
il-Ġebla tal-Ġeneral u l-Ponta tal-Wardija.

L-ilma jmelles l-art,
baħar xaħxieħi ---
ħemda w ġabra liema bħala
fuq kullimkien issaltan!

***

Fil-għabex ta' filgħodu
mill-Imġarr,
Kemmuna qiesha d-dahar ta' *Plesiosaurus*
qiegħed jgħum;
tistħajlu ser iqum fuq saqajh ta' wara,
u jerfa' rasu sas-smewwiet;
jaqbdek il-waħx...
imma l-għajn tilmaħ
dawl qed jixgħel ġo tieqa ta' lukanda
u tieħu r-ruħ...
u l-ħsieb jerġa' fejn kien... fejn kien... fejn kien...

***

Xemxi l-aħħar jum ta' Frar:
fit-trejqa għal Għawdex
laqtuni ż-żigarelli sofor f'ġenb it-triq;
l-isfar u l-aħdar
tal-qarsu tal-ingliża
ħareġ sparat 'il barra mit-toqob tas-sejjieħ
u ġennu kull fejn setgħu.
Imma l-għolja ta' Chambrai stħajjiltha
miksija b'tapit aħdar,
imberfel minn kull lewn ta' ħdura,
nieqes mill-inqas nikta
ta' lewn ieħor, isfar jew lelluxi...

***

Il-friefet żifnu
fuq l-inwar tal-ġiżi f'*Villa Rundle*
ferħanin.
Niżlu jbusu l-pensjeri ta' mitt lewn;
ir-ranunkli, r-ranċis u għoddsu ġol-buqari,
ħarbu fis mill-iris vjola, tweġġa' 'l għajn;
l-agħsafar sikru,
fuq it-tberfila safra
ta' madwar.
Xmejxa, ħdura, lwien;

xi ħlew t' nwar! u freżja w ġiżi merħijin għax-xemx!
U f'nofshom imkennin,
rajt il-qlub taż-żgħażagħ miftuħin
bla ma jridu mġiegħla,
minkijin,
Fl-ispazju għadda sing: l-itwal titjira ta' ġurat,
ġwenħajh miftuħin,
ħsibtu għasfur fil-ħarba.
Taħt il-friegħi bojod, bojod,
ta' lewża tfarfar, tfarfar,
ma' kull żiffa riħ,
xi ħadd fil-konkos kiteb
imħabbtu dejjemija;
min jaf għadhiex?
Ahi! żgħożija --- ġenn u frugħa,
ġenju w bluha!

***

Nofs ballun aħmar,
tela' 'l fuq miċ-ċpar;
'l hemm minn Kemmuna;
'l hemm minn Malta,
'l hemm bejn sema w ilma;
iċ-ċomb tal-baħar sar ikħal ċar, sabiħ,
u sebaħ sewwa f'salt!

***

U minn Jannar bdiet tqum fuq tagħha
ix-xewqa dejjem taħraq
taċ-ċuffi, ċuffi sbieħ
fl-ilmiet indaf u ċari, kristallini, fondi,
jew fuq ir-ramel jaħraq
ġewwa x-Xlendi
u ċ-ċagħaq ta' Marsalforn!
U reġgħu biex jhennuni
it-tifkiriet sbejħin ta' mitt xalata
ta' żgħożiti ħienja.
Sakemm ma' Marzu ma flaħtx aktar u rġajt fi ħdanhom
il-bajjiet imsaħħra tal-Gżejjer tagħna;
il-waħda bħal selvaġġa,
l-oħra beltija,
b'dirgħajha miftuħin, tistiednek,

qiesha l-aħħar għajta ta' Calipso
lil Ulisse qabel telaq... telaq... telaq...
u għeb għal kollox wara l-baħar ikħal.
Jista' jkun li lura ma ħarisx
lejn ir-Ramla l-Ħamra
u l-Għar bejn sa jżomm sa jaqa',
ġol-blatiet ġgantin, fil-għoli
qabel għeb fix-xefaq?
U xtaqt li stajt nerġa' naqbad
is-serp tat-trejqa twila, twila,
li minn wara Marsalforn tiġbed
lejn il-baħar għat-telgħa taż-Żebbuġ,
mnejn b'subgħajk is-sema tmiss
u l-pulmuni jinfetħu bl-arja friska, ġdida!
Marzu wkoll ġieb miegħu
il-ħolma tal-Ġgantija taħt il-qamar
w ix-Xagħra w in-Nadur
u kif id-debħa saret,
"u l-għada Għawdex ħaddar"
bħal dis-sema...

***

Niżżikħajr, oh Għawdex sbejjaħ
talli inti hekk sabiħ,
u sserraħli moħħi w qalbi
bl-għaxqiet tiegħek u l-ħlewwiet!

Ottubru 1966-Marzu, 1967 Wallace Ph. Gulia